



Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

6200/24

LIMITE

ASIE 6
COASI 16
ELARG 15

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0220(NLE)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea – Adozzjoni

1. Fit-23 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ST 12175/14 + ADD 1). Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi hawn fuq (12180/14 + ADD 1).
2. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ma' ftehimiet iffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandha tiġi maqbula permezz ta' Protokoll għal dawk il-ftehimiet.

3. Fit-8 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill awtorizza l-iffirmar tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (13417/14). Huwa talab ukoll l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll abbażi tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll, kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi-Lingwisti fid-dokument 12975/14.
4. Fit-22 ta' Ġunju 2023, il-Protokoll ġie ffirmat fi Brussell.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fis-17 ta' Jannar 2024.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill inkwistjoni fit-8 ta' Frar 2024.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, kif iffinalizzata mill-Ġuristi-Lingwisti fid-dokument 12975/14.
8. Huwa mfakkar li dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data ta' notifika tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.